MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Numru. 485/2012

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Attard (karta tal-identita numru 237772M) u dan talli;

a) nhar is-7 ta' Mejju, 2012 ghal habta ta' bejn is-0730hrs u t-0745hrs ta' filghodu gewwa l-fond Answers 2, Triq San Pawl, Naxxar, bil-hsieb li jikommetti serq bil-valur, mezz u ksur, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ghad-detriment ta' Eva Aydelman liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipententi mill-volonta' tieghu.

b) nhar il-5 ta’ Mejju, 2012 gewwa l-fond Answers 2, Triq San Pawl, Naxxar, u gimghat ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda seraq madwar €200.00 fi flus ghad-detriment ta’ Eva Aydelman liema serq hu aggravat bil-mezz u ksur u dan bi ksur tal-artikoli 263 u 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c) nhar il-5 ta’ Mejju, 2012 gewwa l-fond Last, Triq il-Grecja, Naxxar kellhu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkolli d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 ta-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kid sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d) Talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

e) U aktar talli kiser ordni tal-Probation mahruga mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema ordni ghadha fis-sehh.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, l-imsemmi Joseph Attard jhallas lil partijiet offiza dak l-ammont ta’ flus li jista’ jigi stabbilit mill-Qorti f’dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat. Kif ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex jekk

jidrilha xieraq, tipprovidi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Doreen Magri, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali (fol 9 tal-Atti).

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 11 ibid).

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali sabiex l-istess imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu (ara fol 4 u fol 10 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

A bazi tal-ammissjoni ta' htija sottomessa mill-akkuzat il-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli;

a) nhar is-7 ta' Mejju, 2012 ghal habta ta' bejn is-0730hrs u t-0745hrs ta' filghodu gewwa l-fond Answers 2, Triq San Pawl, Naxxar, bil-hsieb li jikommetti serq bil-valur, mezz u ksur, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ghad-detriment ta' Eva Aydelman liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipententi mill-volonta' tieghu u dan skond l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 264(1), 267, 279 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) nhar il-5 ta' Mejju, 2012 gewwa l-fond Answers 2, Triq San Pawl, Naxxar, u gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda seraq madwar €200.00 fi flus ghad-detriment ta' Eva Aydelman liema serq hu aggravat bil-mezz u ksur u dan bi ksur tal-artikoli 18, 261(b), 263, 264(1) u 278(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) nhar il-5 ta' Mejju, 2012 gewwa l-fond Last, Triq il-Grecja, Naxxar kellhu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkolli d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 ta-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kid sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond l-artikoli 22(1)(a)(b) u r-regolament 9 tal-Avviz Legali numru 292/39 (L.S. 101.02 Regolament 9).

d) Talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

e) U aktar talli kiser ordni tal-Probation mahruga mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema ordni ghadha fis-sehh u dan skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward il-piena, l-Qorti kkonsiderat;

a) l-ammissjoni bikrija sottomessa mill-akkuzat.

b) dak li xehdu <u>Victoria Scicluna</u> f'isem l-Agenzija Sedqa a fol 4 ibid u <u>Doreen Magri</u> a fol 32 ibid.

c) il-fedina penali tal-akkuzat.

d) il-'pre-sentencing report' a fol 25 et seq ibid sottomess mill-Ufficjal tal-'probation' Saviour Lia (fol 35 et seq ibid).

Illi mill-istess rapport u minn dak li semghet waqt it-trattazzjoni tal-kaz da parti tal-partijiet, il-Qorti rat illi, kif hemm sottomess fir-"rakkomandazzjonijiet" skond l-istess rapport hemm il-bzonn u htiega li l-akkuzat jindirizza l-problema li ghadnu ta' abbuz minn drigau jkompli jiehu l-kura ghal problemi li ghandu mill-lat ta' sahha mentali. Dan jfisser li hu, Joseph Attard, ghandu jkun f'ambjent ikkontrollat peress li juri nuqqas ta' affidabilita u ghandu xehta li jirrikorri ghal kriminalita meta ma jkunx f'ambejnt bhal dan. Jidher ukoll li hu ma hux motivat biex jidhol fi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni. Ghalhekk il-Qorti taqbel illi hu ghandu jigi kundannat ghal perjodu ta' prigunerija effettiva waqt li jkompli jinghata kura psikjatrika mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Ghaldaqstant il-Qorti tenut kont tal-artikoli citati kif ukoll tal-artikolu 17 in rigward konkors ta' reati u pieni, tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' sena u tmien xhur prigunerija li minnha jitnaqqas dak gja skontat taht arrest preventiv. Inoltre wara r-rakkomandazzjoni li l-hemm fl-imsemmi rapport, tirrakkomanda li l-istess akkuzat jkompli jinghata il-kura psikjatrika necessarja mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin fil-'forensic unit'.

Inoltre Tordna l-hrug tal-annessa Ordni ta' protezzjoni favur Doreen Magri skond l-artikolu 412(c) tal-Kodici Kriminali, liema ordni tibda topera minn meta Joseph Attard jigi rilaxxat mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin kif jispicca jiskonta l-piena.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tingieb a konjizzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------